MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Numru. 821/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur  Mario Bonello)**

**vs**

**PIO ATTARD bin Lawrence u Maria nee' Gatt, imwieled fit-tmintax ta' Mejju, 1960 u residenti 10, Triq George McAdam, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 32560G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **PIO ATTARD** bin Lawrence u Maria nee' Gatt, imwieled fit-tmintax (18) ta' Mejju, 1960 u residenti 10, Triq George McAdam, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 32560G gie mressaq quddiemha

u akkuzat talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, fil-perjodu ta’ bejn Dicembru 2005 u Jannar 2006, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta’ *cash register* fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax –il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta’ l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 (2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

U aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax –il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 (2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

Peress li jirrizulta li hemm taxxa perikolata ta’ Lm522.76c, il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija, timponi multa ohra li tkun daqs ghaxar darbiet it-taxxa perikolata, u dan skond l-artikolu 77 ta’ l-Att Numtu XXIII ta’ l-1998.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-Erbgha, tmienja w ghoxrin ta’ Novembru 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.
Ghalhekk wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-partiti 1 u 2 tat-Tlettax –il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998 **tiddikjara li qed issib lil imputat PIO ATTARD hati tal-akkuzi kifdedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' tlett mitt [300] lira maltin**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------